

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 992/2009

tat-22 ta' Ottubru 2009

## li jemenda l-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2)(b) u (d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jistabbilixxi, għal kull Stat Membru, il-limiti li ma jistgħux jinqabżu mill-ammonti totali tal-pagamenti diretti, netti wara l-modulazzjoni, li jistgħu jingħataw matul sena kalendarja fl-Istat Membru msemmi.
- (2) Il-Ġermanja u l-Iżvezja ddeċidew, skont l-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, li jqiegħdu għad-dispożizzjoni ammont li għandu jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 69(7) ta' dak ir-Regolament, mis-sena finanzjarja 2011, għall-appoġġ Komunitarju fil-kuntest tal-ippogrammar u l-iffinanzjar tal-iżvilupp rurali, fisem il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). B'konsegwenza ta' dan, skont l-Artikolu 8(2)(d) tal-istess Regolament, jeħtieġ li jitnaqqsu, għas-snin kalendarji 2010, 2011 u 2012, il-limiti nazzjonali għall-Ġermanja u għall-Iżvezja, stipulati fl-Anness IV għall-istess Regolament, bl-ammonti mogħtija b'appoġġ għall-iżvilupp rurali.
- (3) Il-Portugall innotifika lill-Kummissjoni li, minħabba diffikultajiet imprevisti fis-settur agrikolu kkaġunati mill-kriżi ekonomika attwali, li laqtet ħażin il-qagħda ekonomika tal-agrikulturi, iddeċieda li ma japplikax il-modulazzjoni fakultattiva għas-sena kalendarja 2009. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, jeħtieġ li jiżdied, għas-sena 2009, il-limitu nazzjonali għall-Portugall stipulat fl-Anness IV għar-Regolament imsemmi, bl-ammont nett li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni fakultattiva fil-Portugall matul is-sena 2009, stipulat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/788/KE <sup>(2)</sup> kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/505/KE <sup>(3)</sup>.

(4) Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jiġi emendat.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-fehma tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

It-Tabella fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 hija emendata kif ġej:

(1) ir-ringiela li tikkonċerna l-Ġermanja għandha tinbidel b'li ġej:

<i>(f'miljuni ta' Eur)</i>				
Sena kalendarja	2009	2010	2011	2012
"Il-Ġermanja"	5 524,8	5 402,6	5 357,1	5 329,6"

(2) ir-ringiela li tikkonċerna l-Iżvezja għandha tinbidel b'li ġej:

<i>(f'miljuni ta' Eur)</i>				
Sena kalendarja	2009	2010	2011	2012
"L-Iżvezja"	733,1	717,5	712,1	708,5"

(3) ir-ringiela li tikkonċerna l-Portugall għandha tinbidel b'li ġej:

<i>(f'miljuni ta' Eur)</i>				
Sena kalendarja	2009	2010	2011	2012
"Il-Portugall"	590,5	545,0	545,0	545,0"

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.<sup>(2)</sup> ĠU L 271, 11.10.2008, p. 44.<sup>(3)</sup> ĠU L 171, 1.7.2009, p. 46.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membru tal-Kummissjoni*

---